TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

CCT/55/13/S

Anna Edlebi
Vs
Quality Line Limited

Illum 27 ta'Settembru,2013.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Anna Edlebiipprezentata fis-27 ta'Frar,2013 u r-risposta tas-socjeta Quality Line Limited ipprezentata fit-8 ta'Mejju,2013;

Ra d-dokumenti pprezentati, sema' lill-partijiet, kif ukoll it-trattazzjoni maghmula fil-25 Gunju,2013;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda bibien ordnati u li ma kinux tad-daqs ordnat sakemm gew ordnati bibien godda u dawn ukoll qed jigi allegat li huma zghar skont ir-rikorrenti;

Illi jinghad mal-ewwel li mhuwiex accettabbli li konsumatur ma jihux dak li ordna fi zmien ragjonevoli u tal-kwalita miftehma;

Illi fil-bidu tax-xhieda taghha r-rikorrenti stqarret li ma tridx taccetta l-proposta tas-socjeta intimata mressqa fir-risposta taghha u cioe li jintradd lura d-depozitu ta' €400 filwaqt li r-rikorrenti tirritorna l-bibien li jinsabu fil-pussess taghha;

Illi mir-ritratti pprezentati jidher bic-car li l-qisien ma kinux tajbin pero ghalkemm ir-rikorrenti qed tghid li t-tieni sett ta' bibien huma izghar minn ta' qabel, dan ma setax jigi konfermat minhabba li r-rikorrenti ghazlet li zzommhom fil-'packaging' taghhom minghajr ma jinfethu u jitwahhlu;

Illi f'dan il-kaz, il-konsumatur seta' gie trattat ahjar pero il-kummercjant kellu jinghata c-cans li jwahhal it-tieni sett ta' bibien;

Illi jinghad ukoll li ma kienx hemm ftehim car meta dawn il-bibien se jitwahhlu u ghalhekk, anki dan id-dewmien wassal biex tigi aggravata s-sitwazzjoni ta' bejn il-partijiet;

Illi min-naha l-ohra r-rikorrenti ma jmissiex zammet it-tieni sett ta' bibien ghandha minghajr ma thalli lis-socjeta intimata tistalla l-istess bibien,

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati, wara li ra l-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta u fic-cirkostanzi tal-kaz, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jordna lis-socjeta Quality Line Limited taqla' u tiehu l-ewwel sett ta' bibien li twahhlu fir-residenza ta' Anna Edlebi u twahhal it-tieni sett ta' bibien ghas-sodisfazzjon tar-rikorrenti filwaqt li Anna Edlebi thallas lis-socjeta Quality Line Limited il-bilanc dovut ta' €500 u dan fi zmien xahar mill-llum u bl-ispejjez ta' dawn il-proceduri jigu sopportati mis-socjeta intimata.

Richard Sladden Av.
Arbitru